



Brussell, 22 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

10048/21

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)
2018/0217(COD)

AGRI 293
AGRILEG 130
AGRIFIN 73
AGRISTR 45
AGRIORG 70
CODEC 939
CADREFIN 309

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	9645/18 + COR 1 + ADD 1 9634/18 + COR 1 + ADD 1
Suġġett:	Il-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020 a) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jittfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 - <i>Abbozz ta' dikjarazzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-PAK</i>

Bil-ħsieb tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tat-28-29 ta' Ġunju 2021, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-simplifikazzjoni tal-PAK għall-inklużjoni fil-minuti.

Dikjarazzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-PAK

Il-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid (NDM) għandu jippermetti s-sostituzzjoni tal-approvazzjoni tan-nefqa bbażata fuq il-konformità b'approvazzjoni tan-nefqa bbażata fuq il-prestazzjoni, filwaqt li jħalli l-ħolqien ta' sistemi ta' kontroll u sanzjonijiet fil-livell nazzjonali, li hija kwistjoni ta' sussidjarjetà li titħalla f'idejn l-Istati Membri.

Il-Kunsill jitlob li d-dispożizzjonijiet li għandhom jinħarġu mill-Kummissjoni fil-linji gwida futuri jqisu bis-sħiħ ir-raġunament tal-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid. M'għandhomx iwasslu għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' rekwiżiti ta' konformità li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni definit mill-Artikolu 35 tar-regolament orizzontali.

B'mod partikolari, huma għandhom jipprovdu qafas aħjar għall-proċedura biex jiġu determinati l-ammonti li għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament tal-UE, f'konformità mal-ipprogrammar attwali, filwaqt li titqies in-natura tal-ksur sabiex jiġi żgurat li jkunu proporzjonati mal-livell ta' ħsara finanzjarja kkawżata lill-UE, b'mod partikolari għall-impatti ta' anomaliji relatati mal-kundizzjonalità. F'dan ir-rigward, inħeġġu li d-definizzjoni ta' nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' governanza tiġi ċċarata aktar. Nuqqas jista' jiġi identifikat meta jiġi vvalutat il-funzjonament tal-korpi ta' governanza u r-rekwiżiti bażiċi tal-Unjoni inkluż s-sistemi ta' rapportar. Dan jista' jsir permezz ta' reviżjoni tas-sistema ta' kontroll intern, inkluż l-ittestjar tal-konformità. Il-korrezzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu limitati għal xenarji fejn jinstabu nuqqasijiet sistematiċi serji fis-sistemi ta' governanza. L-ammont li għandu jiġi eskluż għandu jkun relatat mal-ammont minfuq indebitament jew mas-sanzjonijiet amministrattivi li kienu jiġu applikati. L-użu ta' korrezzjonijiet b'rata fissa għandu jkun limitat għal każijiet fejn ikun impossibbli li jiġi kkalkulat l-ammont eżatt minfuq indebitament.

Barra minn hekk, il-linji gwida ser ikollhom jipprevedu li l-verifiki mistennija mill-korpi ta' ċertifikazzjoni jkunu limitati, fir-rigward tal-evalwazzjoni tas-sistemi ta' governanza, għall-ġestjoni tar-regoli tal-Unjoni minn dawn is-sistemi mingħajr ma jestenduha għall-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tal-benefiċjarji individwali stabbiliti fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura, f'konformità mal-oġġettivi m'habbra, li l-mudell ta' implimentazzjoni ġdid ma jwassalx għal żieda sinifikanti fil-piż għall-Istati Membri, iżda pjuttost għal simplifikazzjoni ġenerali, filwaqt li jiggarantixxi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-implimentazzjoni tal-Artikolu 57 tar-regolament orizzontali. Il-Kunsill jitlob ukoll lill-Kummissjoni biex ma tikkanċellax il-gwadann amministrattiv mill-introduzzjoni tal-Mudell ta' Implimentazzjoni ġdid billi teżiġi rappurtar addizzjonali għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.
